# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2016**

**Numru 10**

**Rikors kostituzzjonali numru 30/2011**

**Marija Zammit**

***v.***

**Kummissarju tal-Pulizija; Jacqueline Leonard u Nazzareno Busuttil**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija fit-30 ta' April 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li ċaħdet talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni illi nkisru l-jeddijiet tagħha għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv, imħarsa taħt l-artt. 6 u 13 rispettivament tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], meta ġie miċħud lilha jedd li

tappella, bħala "kwerelanti", minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li illiberat lill-konvenuti Busuttil u Leonard minn akkużi miġjuba kontriehom. Hemm ukoll appell inċidentali tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza preliminari mogħtija fil-15 ta' April 2013 li ċaħdet eċċezzjoni li l-qorti ma kellhiex tinqeda bis-setgħat tagħha taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] billi l-attriċi kellha rimedju tajjeb u biżżejjed taħt il-liġi ordinarja.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: Fuq denunzja – mhux kwerela – tal-attriċi l-konvenuti Busuttil u Leonard ġew mixlija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Awissu 2008 kisru l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied, u talli heddew, insulentaw u għajjru lill-attriċi u lil oħt l-attriċi bi kliem. Waqt is-smigħ tal-kawża saret korrezzjoni fid-data – li ġiet hekk taqra 21 flok 23 ta' Awissu, għalkemm l-attriċi tgħid illi l-inċident tassew seħħ fit-23 ta' Awissu 2008 – u, wara li saret il-korrezzjoni, l-imputati ressqu eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. Il-qorti laqgħet l-eċċezzjoni u illiberat lill-imputati.

3. L-attriċi appellat għax qalet illi ma kellha ssir ebda korrezzjoni fid-data u illi, f'kull każ, meta laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni l-qorti kien imissha iddikjarat l-azzjoni estinta u mhux tippronunzja ruħha fuq il-meritu billi tillibera lill-imputat.

Għalhekk ressqet appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati taħt l-art. 413(1)(*b*)(iv)(*ii*) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid hekk:

»**413.** (1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati -

»… … …;

»(*b*) f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373[1], il-kwerelant meta:

»… … …

»(iv) l-imputat jew l-intimat jiġi liberat minħabba f'li -

»… … …

»(*ii*) l-azzjoni tiġi estinta.«

4. Il-Qorti tal-Appell Kriminali iddikjarat l-appell null, u ma qisitux aktar, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »F'dan il-każ il-kontravenzjonijiet ipotizzati kienu ksur tal-paċi pubblika kif ukoll theddid u insolenzi, liema kontravenzjonijiet huma ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iżda m'humiex kontravenzjonjiet li l-azzjoni fir-rigward tagħhom jinħtieġ il-kwerela tal-parti leża. Dawn il-kontravenzjonijiet huma prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija peress illi jilledu d-drittijiet kontra l-ordni pubbliku u m'hemmx għalfejn kwerela għat-tmexxija tal-azzjoni. F'dan il-każ *inoltre* l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija esekuttiva u mhux mill-kwerelant jew il-parti leża, tant li s-sentenza ngħatat fil-konfront tal-Pulizija u tal-imputata Jacqueline Leonard. Il-parti leża sempliċement ikkostitwiet ruħha bħala parti ċivili fil-kawża fit-termini tas-sub-artikolu 3 tal-artikolu 410 tal-Kodiċi Kriminali. Dana ma jagħtix dritt ta' appell … … …«

[1] "meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż".

5. Billi dehrilha li b'hekk ġiet imċaħħda mill-jedd għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv, l-attriċi fetħet il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> »(1) tiddikjara li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ġew vjolati fiż-żewġ proċedimenti hawn fuq imsemmija, (2) tiddikjara nulli u bla effett id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2009, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fil-21 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet premessi, (3) tordna li l-proċedimenti Pulizija *v.* Nazzareno Busuttil u Pulizija *v.* Jacqueline Leonard jissoktaw jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u (4) konsegwentement tordna wkoll il-ħlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti.«

6. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-konvenuta Leonard ikkontestaw it-talbiet tal-attriċi u ressqu wkoll l-eċċezzjoni preliminari illi l-konvenuta kien imissha nqdiet bir-rimedju li tagħtiha l-liġi ordinarja taħt l-art. 414(1) tal-Kodiċi Kriminali:

> »**414.** (1) Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza, tibgħat lill-Avukat Ġenerali, bil-mezz tar-reġistratur, fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawża u max-xiehda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub.«

7. B'sentenza tal-15 ta' April 2013 l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija jsostni illi din il-qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tat-talba

tar-rikorrenti, għaliex li kieku r-rikorrenti użufruwiet ruħha mill-art 414(1) tal-Kap. 9, l-Avukat Ġenerali, bl-atti tal-proċess trasmessi lilu, seta' jivverifika jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienx hemm lok ta' appell inkella le. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija jerġa' jagħmel riferenza għall-art. 414(1) tal-Kap. 9 pero` ma jagħmel l-ebda analiżi ta' kif dik id-disposizzjoni kienet tipprovdi rimedju attwali u effettiv lir-rikorrenti.

»Qabel tippronunzja ruħha dwar jekk ir-rikorrenti kellhiex rimedju ordinarju effettiv inkella le, din il-qorti trid tgħid illi bl-art. 414(1) tal-Kap. 9, ir-rikorrenti, mhux bħala kwerelanti iżda fil-vesti tagħha ta' parti offiża mdaħħla fil-proċediment kriminali skond l-art. 410(3), (4), (5) u (6) tal-Kap. 9 setgħet tagħmel it-talba skond l-art. 414(1) tal-Kap. 9. Fil-każ tal-lum, it-talba bħala fatt ma saritx. Fl-istess waqt pero` irid jingħad illi, kieku t-talba saret, id-deċiżjoni finali dwar jekk kellux isir appell inkella le kienet tispetta unikament lill-Avukat Ġenerali mhux lir-rikorrenti. Il-kejl tal-effettivita` tar-rimedju ordinarju jiddependi mir-*raison d'être* tiegħu. U kif dan jolqot direttament id-drittijiet immedjati u attwali tal-persuna li tkun qiegħda tallega ksur ta' dawk il-jeddijiet. Il-kejl irid isir ukoll abbażi tal-fatti u ċirkostanzi ta' kull każ. Issa fil-każ tal-lum, irriżulta (a) li l-bidla fid-data meta seħħ il-każ minn 23 ta' Awissu 2008 għal 21 ta' Awissu 2008 fil-komparixxi saret wara talba tal-prosekuzzjoni, (b) li l-preskrizzjoni kienet eċċepita b'suċċess mid-difiża tal-imputata bħala effett tal-korrezzjoni fid-data, (ċ) li ma kienx hemm l-adeżjoni tar-rikorrenti għall-proċedura tal-korrezzjoni tad-data, (d) li l-avukat tar-rikorrenti ma kienx preżenti għall-udjenza meta saret il-korrezzjoni u (e) li wara [li] kienet deċiża l-kawża, l-Avukat Ġenerali *motu proprio* ma ppreżentax appell għalkemm il-każ kien jittratta proċediment sommarju għal reati li jaqgħu taht il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali skond l-art. 370(1) tal-Kap. 9.

»Fil-fehma ta' din il-qorti, l-art. 414(1) tal-Kap. 9, mejqus fil-kwadru tal-assjem tal-fatti u ċirostanzi ta' dan il-każ, u meqjus fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza … … …, ma jwassalhiex biex tgħid illi r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju xieraq, effettiv u adegwat fejn tindirizza l-allegat ksur tal-jeddijiet tagħha qabel tintavola l-azzjoni odjerna. Din il-qorti tgħid illi fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja m'għandhiex tiddeklina mis-setgħat u mir-responsabilita` tagħha; kwindi għandha tibqa' tisma' l-każ fil-mertu.«

8. Imbagħad, bis-sentenza tat-30 ta' April 2015 ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »… … … qabel tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti, il-qorti, filwaqt li tagħmel riferenza għas-sentenza parzjali li kienet tat fil-15 ta' April 2013 dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u t-tmien eċċezzjoni tal-intimata Jacqueline Leonard, trid tagħmel ċar mill-bidunett illi kwalsiasi konsiderazzjoni li għamlet għall-fini ta' dik is-sentenza parzjali trid tkun inkwadrata u għandha tkun ċirkoskritta speċifikament għall-kwistjoni ta' jekk il-qorti kellhiex tiddeklina milli tisma' l-kawża fil-mertu abbażi tal-*proviso* tal-art. 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Billi nstemgħu l-provi fil-mertu, kwalsiasi konsiderazzjoni li l-qorti sejra tagħmel issa trid titqies fuq il-mertu tagħha, fil-kuntest aktar wiesa' tal-ilmenti tar-rikorrenti dwar l-allegat ksur għall-jeddijiet fondamentali tagħha.
>
> »Riferibbilment għall-ilmenti tar-rikorrenti fil-każ taħt eżami, parti-kolarment il-proċediment kif kien kondott quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-qorti tirrimarka li dakinhar li saret il-korrezzjoni tad-data ma kenitx l-ewwel seduta li attendiet għaliha r-rikorrenti sabiex issegwi l-kawża li fiha kellha interess. Kienet preżenti għal seduti preċedenti u kienet edotta tal-mod kif kien qiegħed jiġi kondott il-proċediment. Fis-seduta in kwistjoni tal-kawża, ir-rikorrenti tallega li, meta ssejhet il-kawża, lilha ma kinux għajtulha; *cio` nonostante* daħlet fl-awla xorta meta rat lill-akkużati deħlin. Il-qorti m'għandhiex prova oġġettiva, determinata minn xhud in-dipendenti, li jikkorrabora dik l-allegazzjoni tagħha li ma ssejħitx biex tidhol fl-awla. *Cio` nonostante*, b'daqshekk ir-rikorrenti ma ġarrbet l-ebda preġudizzju għaliex xorta waħda daħlet fl-awla biex issegwi x'kien qiegħed jiġri. Fil-fatt hekk għamlet għaliex segwiet dak li kien qed jiġri l-awla. Semgħet lill-uffiċjal prosekutur jitlob il-korrezzjoni tad-data. *Eppure* fl-ebda mument ma ttentat tavviċina lill-istess uffiċjal prosekutur biex tfissirlu l-opposizzjoni tagħha, jew tissenjala l-presenza tagħha lill-maġistrat sabiex jew tinfurmaha li l-avukat tagħha ma kienx preżenti u allura titlob posponiment jew tissenjala jew tirreġistra l-opposizzjoni tagħha għall-bdil fid-data. Għalkemm daħlet fl-awla, ma għamlet prorpju xejn biex bil-presenza tagħha sabiex tittenta tibdel il-kors li kienet qiegħda tieħu l-kawża tagħha. Anke jekk l-avukat tagħha ma kienx preżenti, ir-rikorrenti baqgħet passiva, għażlet li tibqa' siekta u ma għamlet xejn. Dan kien nuqqas determinanti min-naħa tar-rikorrenti li r-rikorrenti ma tistax tippretendi li tista' ssewwih bil-preżentata ta' proċediment kostituzzjonali bħal dak tal-lum.
>
> »Min-naħa tar-rikorrenti, sar l-argument li kien jinkombi fuq il-Qorti tal-Maġistrati u/jew tal-uffiċjal prosekutur li jivverifikaw jekk

hi – bħala *parte civile* – kenitx preżenti u x'kienet il-posizzjoni tagħha dwar dak li kien qiegħed jintalab.

»Dan l-argument m'huwiex kondiviż minn din il-qorti. L-oneru kif prospettat mir-rikorrenti ma jreġix.

»Ir-rikorrenti kellha d-dmir li tassikura l-parteċipazzjoni attiva tagħha fil-kawża. Bil-fatt illi qagħdet fl-awla tisma' x'kien qed jiġri, ma tissenjala l-preżenza tagħha lil ħadd, u tillimita ruħha li *ex post facto* tgħid lill-avukat tagħha x'kien ġara ma tikkwalifikax bħala parteċipazzjoni attiva anke jekk ir-rikorrenti mhijiex persuna legali. Il-miżura jew kejl rilevanti f'sitwazzjoni bħal dik tal-lum mhijiex il-kompetenza legali iżda r-raġonevolezza.

»Dwar l-imġieba tal-ispettur tal-pulizija konċernat, il-qorti mhijiex tara obbligu legali da parti tiegħu li jaċċerta ruħu mill-preżenza tar-rikorrenti u li jikseb il-kunsens tar-rikorrenti qabel jitlob il-korrezzjoni. Dan l-obbligu ma jirriżultax aktar u aktar fil-każ tal-lum meta wieħed iqis li l-proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma kienx inizjat bil-kwerela iżda kien istitwit mill-pulizija *ex officio*. Lanqas ma jirriżulta mill-atti li r-rikorrenti kienet ammessa bħala *parte civile* fil-kawża skond il-proċedura kontemplata mill-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Kellux raġun l-uffiċjal prosekutur illi jitlob il-korrezzjoni mhijiex materja ta' kompetenza ta' din il-qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha tal-lum. Jekk fuq l-atti li kellu quddiemu l-uffiċjal prosekutur ħa d-deċiżjoni żbaljata, dak ma jagħtix lir-rikorrenti d-dritt li tippromwovi azzjoni bħal dik tal-lum quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Din hija linja fina ta' demarkazzjoni distintiva bejn proċediment ordinarju u proċediment kostituzzjonali li għandha titqies dejjem. Jekk ir-rikorrenti jidhrilha li l-uffiċjal prosekutur naqas fil-konfront tagħha, id-dritt ta' azzjoni ma kienx il-proċediment tal-lum.

»Ir-rikorrenti tilmenta wkoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bħala leżiva għall-jeddijiet fondamentali tagħha fuq riferiti.

»Hija l-fehma ta' din il-qorti illi ma hemm xejn leżiv għall-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti l-mod kif iddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali.

»Jirriżulta li r-rikorrenti għażlet li tintavola appell u skartat għal kollox il-proċedura stabbilita fl-art. 414(1) tal-Kap. 9. Ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li għandha l-jedd illi ssewwi nuqqas tagħha billi tallega li ġarrbet ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv. Li kieku r-rikorrenti marret għall-proċedura skond l-art. 414(1) tal-Kap. 9 u l-Avukat Ġenerali skarta l-appell forsi kien ikollha x'tilmenta – almenu *prima facie*; fl-istess waqt m'huwiex permess lil din il-qorti illi tispekula jew tħalli l-kamp tal-ipotesi jċajpar il-ġudizzju tagħha. Leżjoni ta' jedd fondamentali hija materja serja ħafna, u għalhekk qorti ta' ġurisdizzjoni

kostituzzjonali trid tkun kawta meta tiżen il-fatti, għandha toqgħod fuq provi kemm jista' jkun oġġettivi, u tagħmel l-aċċertamenti u l-apprezzament tagħha fuq il-fatti ppruvati.

»… … …

»Wara li qieset b'reqqa l-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-qorti ma ssibx li fil-każ tar-rikorrenti kien hemm leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq kif tutelat bil-Konvenzjoni. Lanqas ma hija l-fehma tagħha li ġarrbet leżjoni skond l-art. 13. Wara d-deċiżjoni tal-ewwel qorti, ir-rikorrenti wieżnet il-passi tagħha minn hemm 'il quddiem. Għaliex it-triq volutament magħżula mir-rikorrenti kienet inkonklużiva ma jfissirx li seħħ xi ksur tal-art. 13, aktar u aktar fil-każ tal-lum fejn il-qorti mhijiex tal-fehma li r-rikorrenti ġarrbet vjolazzjoni tal-art. 6. Id-diċitura tal-art. 13 huwa ċar u jibda bil-kliem: "kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv". Billi l-qorti ma sabitx leżjoni tal-art. 6, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka l-art. 13.

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimati li ma kinux deċiżi bis-sentenza tagħha tal-15 ta' April 2013, qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

»L-ispejjeż tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u tat-tmien eċċezzjoni tal-intimata Jacqueline Leonard jibqgħu kif deċiżi skond is-sentenza tagħha tal-15 ta' April 2013. Il-bqija tal-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.«

9. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tat-12 ta' Mejju 2015 li għalih il-Kummissarju tal-Pulizija wieġeb, b'appell inċidentali, fil-25 ta' Mejju 2015 u Jacqueline Leonard wieġbet fl-24 ta' Ġunju 2015. L-attriċi wieġbet għall-appell inċidentali fis-16 ta' Ġunju 2015.

10. Billi l-appell inċidentali tal-Kummissarju tal-Pulizija jolqot kwistjoni preliminari, il-qorti sejra tqis dan l-appell qabel l-appell

ewlieni tal-attriċi. Il-Kummissarju tal-Pulizija fisser l-aggravi tal-appell inċidentali hekk:

> »Illi l-ewwel aggravju tal-esponent jikkonsisti fil-fatt li … … … l-ewwel onorabbli qorti erronjament iddeċidiet li 'l-artikolu 414(1) tal-Kap. 9 fil-kwadru tal-assjem tal-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jwassalhiex biex tgħid li r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju xieraq, effettiv u adegwat fejn tindirizza l-allegat ksur tal-jeddijiet tagħha qabel tintavola l-azzjoni odjerna'. Illi fiċ-ċirkostanzi odjerni, ir-rikorrenti għażlet li ma tutilizzax ir-rimedju ordinarju u issa li s-sentenza hija res judicata ma tistax twaħħal fil-Pulizija Eżekuttiva. Illi fl-umli fehma tal-esponenti, fil-każ odjern japplika l-artikolu 414(1) tal-Kap. 9 li jistipula li, meta tingħata sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, apparti l-Pulizija Eżekuttiva l-'parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fl-artikolu 410(4) u (5), mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mill-għoti tas-sentenza', tista' tagħmel talba sabiex l-atti tal-proċess jiġu trasmessi lill-Avukat Ġenerali sabiex l-istess Avukat Ġenerali jkun jista' jivverifika jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemmx lok ta' appell *o meno*. Għalhekk, ladarba jirriżulta li r-rikorrenti ma utilizzatx dan ir-rimedju ordinarju, din l-onorabbli qorti setgħet għoġobha tiddeklina milli tkompli tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern;
>
> »Illi t-tieni aggravju tal-appellant kummissarju jikkonsisti fil-fatt li ladarba għar-raġunijiet fuq esposti fl-ewwel aggravju, fl-umli fehma tal-esponenti l-ewwel onorabbli qorti jmissha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-esponent, l-esponent ma kellu jbati ebda spejjeż ġudizzjarji.«

11. L-attriċi wieġbet illi l-art. 414(1) tal-Kodiċi Kriminali ma jagħtihiex rimedju għax jibqa' mħolli f'idejn l-Avukat Ġenerali jagħżilx li jappella jew le; tgħid illi "rimedju li jiddependi mill-volonta` ta' ħaddieħor u mhux mill-volonta` tiegħi ma jistax jitqies, għalija, mezz xieraq ta' rimedju".

12. Il-qorti tosserva, qabel xejn, u kif ukoll ġa` osservat l-ewwel qorti fl-ewwel paragrafu tas-silta mis-sentenza tat-30 ta' April 2015 miġjuba fuq[2], illi deċiżjoni li qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma tkunx "sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli" taħt liġi ordinarja għall-għanijiet tal-*proviso* tal-art. 4(2) tal-Kap. 319 ma jfissirx bilfors illi ma hemmx rimedju effettiv għall-istess ksur għall-għanijiet tal-art. 13 tal-Konvenzjoni.

13. Is-setgħa tal-qorti, taħt l-imsemmi *proviso*, li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Konvenzjoni hija setgħa fakoltativa u, sakemm ma jintweriex li l-ewwel qorti tkun inqdiet b'dik is-setgħa b'mod manifestament ħażin jew irraġonevoli, din il-qorti bħala regola ma tiddisturbax dak l-eserċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel qorti, aktar u aktar meta, bħal fil-każ tallum, l-ewwel qorti tkun għażlet illi tkompli bis-smigħ tal-każ. Dan, iżda, mhux bilfors jiddetermina d-deċiżjoni tal-qorti għall-għanijiet tal-art. 13 tal-Konvenzjoni.

14. L-appell inċidentali huwa għalhekk, b'dan il-*caveat*, miċħud, u ngħaddu issa għall-appell ewlieni.

---

[2] Para. 8, *supra.*

15. L-ewwel aggravju tal-attriċi ġie minnha mfisser hekk:

> »… … … l-ewwel onorabbli qorti għamlet enunċjazzjoni manifestament żbaljata kemm tal-fatti kif ukoll tal-liġi. L-ewwel onorabbli qorti, wara li osservat illi dik tas-6 ta' Novembru 'ma kenitx l-ewwel seduta li attendiet għaliha r-rikorrenti sabiex issegwi l-kawża li fiha kellha interess', għaddiet biex taddossa fuq ir-rikorrenti r-responsabbilta` għal dak li seħħ dakinhar tas-6 ta' Novembru u dan peress li 'fl-ebda moment ma ttentat tavviċina lill-istess uffiċjal prosekutur biex tfissirlu l-opposizzjoni tagħha, jew tissenjala l-preżenza tagħha lill-maġistrat sabiex jew tinfurmaha li l-avukat tagħha ma kienx preżenti u allura titlob posponiment jew tissenjala jew tirreġistra l-opposizzjoni tagħha għall-bdil fid-data. Imbagħad iżżid tgħid: "Għalkemm daħlet fl-awla, ma għamlet proprju xejn biex bil-preżenza tagħha sabiex tittenta tibdel il-kors li kienet qiegħda tieħu l-kawża tagħha".
>
> »Mela, l-ewwel qorti tattribwilha tort talli ma għollietx idejha, iżda ma tattribwixxi l-ebda tort lil min ikkommetta t-tort jew l-event dannuż!
>
> »Il-maġistrat sedenti kellha l-inkartament quddiemha, u allura, jekk dik ma kenitx l-ewwel seduta tal-kawża, il-maġistrat kellha tagħraf l-eżistenza tar-rikorrenti fil-proċeduri quddiemha bħala xhud u parti leża. Jekk il-maġistrat sedenti kellha l-inkartament quddiemha, messha sejħet kemm lill-imputati kif ukoll lill-parti leża, xhud ewlieni fil-kawża. Kieku l-maġistrat sedenti mxiet skont il-proċedura korretta kienet tiddetta 'Issejħet ukoll il-parti leża/ix-xhud', imbagħad tniżżel dehret jew ma dehritx.
>
> »L-ewwel onorabbli qorti wkoll mhix issegwi l-proċedura korretta. Ġaladarba fil-verbal mhemmx imniżżel 'Il-parti leża msejħa debitament ma dehritx', ma setgħetx l-ewwel onorabbli qorti tgħid -
>
>> »"Il-qorti m'għandhiex prova oġġettiva, determinata minn xhud indipendenti, li jikkorrobora dik l-allegazzjoni tagħha li ma ssejħitx biex tidħol fl-awla."
>
> »Għall-kuntrarju, l-atti tal-qorti huma l-aqwa prova, u ladarba fil-verbal ma kienx hemm imniżżel li Marija Zammit ġiet imsejħa u ma dehritx, allura ma ġietx imsejħa. Ir-raġunament u l-konklużjoni tal-ewwel qorti huma t-tnejn manifestament żbaljati. *Quod non est in actis non est in mundo*, u l-ewwel qorti ma setgħetx tgħid li m'hemmx prova oġġettiva, peress li l-atti tal-qorti huma, anzi, l-aħjar prova!
>
> »Dak li ġara ma kienx dovut għall-għemil tar-rikorrenti. Dak li ġara kien dovut għall-għemil tal-maġistrat sedenti, għall-għemil tal-uffiċjal prosekutur u għall-vantaġġ li ħadet id-difiża. Xejn iktar, xejn inqas. It-tort hemm qiegħed.

»Jekk ‘baqgħet passiva’, mhix ħaġa ovvja li dan seħħ għax ma setgħetx tisma’ u tifhem? Fix-xiehda tagħha tgħid li saret taf x’ġara meta l-avukat tagħha mar jiċċekkja.

»L-ewwel qorti ssejjaħ il-komportament tagħha bħala ‘nuqqas determinanti’. Iżda, il-verita` hi li meta r-rikorrenti daħlet fl-awla ma kenitx taf x’qed jiġri għax lilha ma sejħulhiex u d-diskors kien bejn l-uffiċjal prosekutur, l-avukat difensur u l-maġistrat fuq in-naħa ta’ quddiem tal-awla; hi ma kenitx f’posizzjoni li tisma’ x’qed jingħad. Dan apparti l-fatt li hi mhix persuna legali jew xi esperta in materja, li allura tiftrem mill-ewwel dak li jkun qed jiġri. Ma kenitx korretta l-ewwel qorti meta qalet li r-rikorrenti ‘*ex post facto* tgħid lill-avukat tagħha x’kien ġara’; għall-kuntrarju, hija ma kellhiex idea dwar x’ġara, ħlief li l-oħrajn ħarġu ’l barra sodisfatti. Saret taf sewwa x’ġara meta l-avukat tagħha mar jivverifika.

»L-ewwel qorti qalet li ma tikkondividix il-fehma (argument) tar-rikorrenti li kien jinkombi fuq il-Qorti tal-Magistrati u/jew l-uffiċjal prosekutur ‘li jivverifikaw jekk hi – bħala *parte civile* – kenitx preżenti u x’kienet il-posizzjoni tagħha dwar dak li kien qiegħed jintalab’. L-ewwel qorti rrimarkat illi: ‘Il-miżura jew kejl rilevanti f’sitwazzjoni bħal dik tal-lum mhijiex il-kompetenza legali iżda r-raġonevolezza’. Iżda, tenut kont li l-andament tal-kawża hu mħolli f’idejn il-maġistrat sedenti, li għandha l-obbligu li tmexxi b’rispett sħiħ għall-prinċipju ta’ *equality of arms* li tiggarantixxi smigħ xieraq, kif ukoll li tissalvagwarda d-drittijiet tal-partijiet kollha u mhux biss tal-persuna akkużata, fl-umili fehma tal-esponenti ma jistax jingħad li l-maġistrat sedenti hija meħlusa mir-responsabbilta`.

»Sorprendentement, l-ewwel qorti eżentat ukoll lill-uffiċjal prosekutur minn kull obbligu: ‘il-qorti m’hijiex tara obbligu legali da parti tiegħu li jaċċerta ruħu mill-presenza tar-rikorrenti u li jikseb il-kunsens tar-rikorrenti qabel jitlob il-korrezzjoni’. Iktar ma l-Unjoni Ewropea wriet determinazzjoni biex tintroduċi Direttiva li tagħti mhux biss għarfien imma anke mekkaniżmu effettiv biex il-parti leża jkollha impatt fuq il-proċess, aktar l-ewwel qorti injorat kompletament l-obbligi li ġew imposti fuq il-prosekuzzjoni li tgħin lill-parti leża u li tara li d-drittijiet tagħha jiġu mħarsa. Din id-Direttiva nsibuha bhala *Council Framework Decision* tal-15 ta’ Marzu 2001 ‘*on the standing of victims in criminal proceedings*’ (20011220/JHA). Kif sewwa ntqal mill-Kummissjoni Ewropeja -

> »“It is not enough, however, to have victims’ rights only on paper. These rights must be applied and implemented in practice. Adequate transposition, implementation and application of the newly adopted EU measures is a priority for the Commission’s actions in the area of victims’ rights.
>
> »“Year 2015 is a crucial moment for making the victims’ rights a reality in all EU countries. The Member States must ensure that all the provisions of the Victims’ Rights and EP[3] Directives

[3] *European Protection Order.*

> are correctly transposed to the national law and that the provisions of the Regulation on civil law protection measures are correctly applied by the relevant authorities."

"Bid-Direttiva jew mingħajr id-Direttiva, f'pajjiżna ma nbidel assolutament xejn.

»Iżda għall-ewwel qorti -

> »"Dan l-obbligu ma jirriżultax aktar u aktar fil-każ tal-lum meta wieħed iqis li l-proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma kienx inizjat bil-kwerela iżda kien istitwit mill-pulizija *ex officio*. Lanqas ma jirriżulta mill-atti li r-rikorrenti kienet ammessa bhala *parte civile* fil-kawża skond il-proċedura kontemplata mill-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

»Illi l-ewwel onorabbli qorti osservat illi d-deċiżjoni żbaljata meħuda mill-Ispettur Carlos Cordina li jitlob il-bdil tad-data minn dik korretta għal waħda żbaljata 'ma jagħtix lir-rikorrenti d-dritt li tippromwovi azzioni bhal dik tal-lum quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali' u żżid tirrimarka 'Jekk ir-rikorrenti jidhrilha li l-uffiċjal prosekutur naqas fil-konfront tagħha, id-dritt ta' azzjoni ma kienx il-proċediment tal-lum'. Iżda, m'hemmx dubju illi la azzjoni ċivili ordinarja għad-danni kontra l-uffiċjal prosekutur u lanqas rapport intern lis-superjuri tiegħu ma kienu sejrin jipprovdulha bħala rimedju li timpunja l-proċeduri mmexxija bi ksur tad-drittijiet tagħha. Kien għalhekk li r-rikorrenti kellha tintavola kawża kostituzzjonali. Barra minn hekk, kienet il-qorti stess li qalet li hija ma kellhiex tiddeklina milli tkompli tisma' l-kawża kostituzzjonali, u dan wara li rriteniet li l-art. 414(1) tal-Kap. 9 ma kienx qed jassiguralha rimedju ordinarju kemm-il darba l-Avukat Ġenerali jagħżel li ma jappellax. Mis-sentenza moghtija fil-15 ta' April 2013 l-intimati ma interponew l-ebda appell u ghalhekk issokkombew għaliha.«

16. Għalkemm forsi huwa minnu illi dak li stenniet l-ewwel qorti mingħand l-attriċi huwa wisq u mhux realistiku, kemm l-ewwel qorti u kemm l-attriċi, fil-fehma ta' din il-qorti, qegħdin jonqsu li jaraw u jqisu l-fattur li, fiċ-ċirkostanzi, huwa l-fattur relevanti, u *cioe`* l-fatt illi n-nuqqas kien, jekk mhux tal-attriċi, ċertament tal-avukat tagħha li ma kienx preżenti għas-seduta u ħalla lill-attriċi bla għajnuna. L-argument li l-avukat ma jistax ikun f'żewġ

postijiet fl-istess ħin, u illi l-programm tal-qorti għandu jċedi għall-programm tal-avukat, ma huwiex argument serju u aċċettabbli: professjonist ma jaċċettax impenji aktar minn dawk li jista' jlaħħaq magħhom, u jekk ma jkunx konvint li, bl-impenji l-oħra tiegħu, jista' jaqdi lill-klijent, mela ma għandux jaċċetta l-każ; jekk jaċċetta, huwa responsabbli li jkun disponibbli biex jassisti lill-klijent kull meta jkun meħtieġ. In-nuqqas fil-każ tallum la kien tal-qorti, li kompliet bis-smigħ tal-kawża fil-ħin meta kellha tissejjaħ, u lanqas ma kien tal-uffiċjal prosekutur, li deher meta l-qorti sejhitlu; in-nuqqas kien tal-avukat tal-attriċi – u għalhekk attribwibbli, għalkemm indirettament, lill-attriċi stess – li ħalla lill-klijenta tiegħu bla assistenza waqt is-smigħ ta' kawża li kellha interess fiha.

17. Lanqas ma hu relevanti l-argument li l-attriċi ma ssejħitx; kien ikun relevanti li kieku l-attriċi, jekk tassew ma ssejħitx, ma kinitx preżenti waqt is-smigħ iżda l-fatt li kienet preżenti għax daħlet fl-awla juri li ma ġarrbet ebda preġudizzju talli ma ssejħitx. Jekk tassew ma ssejħitx, in-nuqqas ma kellu ebda effett prattiku.

18. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

19. L-attriċi fissret it-tieni aggravju hekk:

»Illi l-liġi tagħna ma tpoġġix lill-persuna akkużata u lill-parti leża fuq kefef ugwali tal-miżien. Id-drittijiet tal-persuna akkużata huma garantiti; id-drittijiet tal-parti leża huma dispensabbli skont il-konvenjenza. Tant ma jagħtix għarfien għall-qagħda tal-parti leża l-Kodiċi Kriminali tagħna illi lanqas jagħti d-dritt lill-parti leża li tappella hi. Tkun trid tiddependi fuq l-Avukat Ġenerali u fuq il-Pulizija Eżekuttiva. L-aħjar awtorita` dwar dan hija s-sentenza preliminari mogħtija f'din il-kawża stess! L-appell interpost mir-rikorrenti quddiem l-onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ġie ritenut initwali billi l-parti offiża m'għandhiex dritt li tappella.

»Illi bl-ikbar rispett lejn l-ewwel onorabbli qorti, is-sentenza finali mogħtija mill-ewwel onorabbli qorti ma tallaċċja xejn mas-sentenza ta' qabilha. Fl-ewwel sentenza tagħha l-ewwel qorti ħadet pożizzjoni, filwaqt illi fit-tieni sentenza tagħha ħadet pożizzjoni li ma torbot bl-ebda mod ma' dik ta' qabilha. L-ewwel qorti kienet inkonsistenti mar-raġunament elaborat minnha stess fis-sentenza preliminari tagħha:

»Sentenza preliminari tal-15 ta' April 2013:

> "… … …
>
> »"Fil-fehma ta' din il-qorti, l-art. 414(1) tat-Kap. 9, meqjus fil-kwadru tal-assjem tal-fatti u ċirkostanzi ta' dan il-kaz, … … … ma jwassalhiex biex tgħid illi r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju xieraq, effettiv u adegwat fejn tindirizza l-allegat ksur tal-jeddijiet tagħha qabel tintavola l-azzjoni odjerna. … … …"

»Sentenza finali tat-30 ta' April 2015:

> »"Jirriżulta li r-rikorrenti għażlet li tintavola appell u skartat għal kollox il-proċedura stabbilita fl-art. 414(1) tal-Kap. 9. Ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li għandha jedd illi ssewwi nuqqas tagħha billi tallega li ġarrbet ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv. Li kieku r-rikorrenti marret għall-proċedura skond l-art. 414(1) tal-Kap. 9 u l-Avukat Ġenerali skarta l-appell forsi kien ikollha x'tilmenta – almenu *prima facie*; fl-istess waqt mhuwiex permess lil din il-qorti illi tispekula jew tħalli l-kamp tal-ipotesi jċajpar il-ġudizzju tagħha. … … …"

»Il-provi oġġettivi u fatti ppruvati huma (i) il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati u (ii) is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li qalet li l-liġi ma tagħtix dritt ta' appell lill-parti leża. L-art. 414(1) tal-Kodiċi Kriminali, kif sewwa indikat fl-ewwel sentenza, iħalli 'id-deċiżjoni finali dwar jekk kellux isir appell inkella le kienet tispetta unikament lill-Avukat Ġenerali mhux lir-rikorrenti".

»Illi l-aggravju tar-rikorrenti huwa li t-tieni sentenza mhux biss hija inkompatibbli ma' dak li ġie ritenut bl-ewwel sentenza, iżda talli l-ewwel qorti marret kontra s-sentenza preliminari mogħtija minnha stess. Hemm *non sequitur* evidenti fejn il-qorti semmiet l-art. 414(1). Fl-ewwel sentenza tgħid li finalment l-Avukat Ġenerali seta' ma jappellax u allura hija ma tkunx tista' tikseb rimedju, filwaqt li fit-tieni sentenza tgħid li bl-art. 414(1) setgħet

tikseb rimedju. Mentri, fuq id-drittijiet tal-persuna leża ma tgħid xejn.

»*Inoltre*, l-ewwel qorti kkwotat minn sentenzi li jittrattaw ċirkostanzi fejn kien hemm 'non-kuranza' u 'negliġenza' jew 'inerzja' ta' persuna avżata b'data tas-smigħ u xorta ma dehritx, li assolutament m'huwiex il-każ hawnhekk, u għalhekk m'għandhomx jiġu kkwotati bħallikieku jgħoddu. Ir-rikorrenti ma injorat l-ebda regoli. Anzi, dejjem attendiet u dejjem kienet attenta, iżda xorta ġiet ippreġudikata mill-prosekuzzjoni u d-difiża. Illi -

»(i) in-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati li tordna li tissejjaħ il-parti offiża u mhux l-imputat biss (meta din ma kenitx l-ewwel seduta tal-kawża) u li tisma' wkoll lill-parti offiża fuq it-talba għall-bidla fid-data tal-akkuża;

»(ii) il-bdil tad-data minn dik korretta għal waħda żbaljata, mingħajr l-ebda verifika, min-naħa tal-prosekuzzjoni;

»(iii) ir-riġett tal-appell tal-parti offiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali għax mhux konċess mil-liġi

»jiffurmaw is-sisien tal-kawża kostituzzjonali tal-lum, mingħajr non-kuranza, negliġenza u inerzja.

»Illi kif jirriżulta mis-sentenza appellata, il-motivazzjoni li ngħatat dwar il-lanjanza li tirrigwarda l-allegata vjolazzjoni tal-art. 13 tal-Konvenzjoni tikkonsisti f'dan –

> »"Lanqas ma hija l-fehma tagħha li ġarrbet leżjoni skond l-art. 13. Wara d-deċiżjoni tal-ewwel qorti, ir-rikorrenti wieżnet il-passi tagħha minn hemm 'il quddiem. Għaliex it-triq volutament magħżula mir-rikorrenti kienet inkonkluživa ma jfissirx li seħħ xi ksur tal-art. 13, aktar u aktar fil-każ tal-lum fejn il-qorti mhijiex tal-fehma li r-rikorrenti ġarrbet vjolazzjoni tal-art. 6. Id-diċitura tal-art. 13 huwa ċar u jibda bil-kliem: 'kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv'. Billi l-qorti ma sabitx leżjoni tal-art. 6, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka l-art. 13.

»Iżda, l-fatt illi la l-Qorti tal-Maġistrati ma żguratx it-twettiq tad-drittijiet tagħha, u lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali, wassal biex ir-rikorrenti sfat mingħajr l-ebda rimedju effettiv.

»Fl-aħħarnett, jiġi sottomess bl-ikbar rispett illi ntilfet opportunita` sabiex il-Qorti Maltija tavvanza d-drittijiet tal-parti leża u ġġib ugwaljanza proċedurali bejn id-drittijiet tad-difiża u d-drittijiet tal-parti leża, u dan skont il-*Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions* (riferenza COM(2011) 274 final).«

20. Huwa minnu illi l-kuntrast bejn kif fissret ruħha l-ewwel qorti fis-sentenza preliminari u dak li qalet fis-sentenza finali xejn ma huwa feliċi. Madankollu, kif ġa` ingħad fuq[4], il-kriterji biex tkejjel id-disponibilita` ta' rimedju ordinarju għall-għanijiet tal-*proviso* tal-art. 4(2) tal-Kap. 319 u dawk biex tkejjel id-disponibilita` ta' rimedju effettiv għall-għanijiet tal-art. 13 tal-Konvenzjoni mhux bilfors huma l-istess.

21. Lanqas ma huwa minnu illi l-osservazzjonijiet li għamlet l-ewwel qorti dwar "'non-kuranza' u 'negliġenza' jew 'inerzja'" huma għal kollox irrelevanti, kif tgħid l-attriċi, għax, kif ukoll rajna fuq[5], jekk dawk in-nuqqasijiet ma kinux attribwibbli direttament lill-attriċi nfisha kienu ċertament attribwibbli lill-avukat tagħha, u ma tistax tistenna li r-rwol tal-avukat tagħha tieħdu l-qorti jew l-uffiċjal prosekutur. Għalkemm ċertament huwa xieraq illi l-interessi tal-vittma tar-reat jitħarsu daqskemm jhitħarsu l-interessi ta' min ikun mixli b'dak ir-reat, fil-każ tallum il-mezzi proċedurali ta' ħarsien tal-interessi tal-attriċi ma kinux nieqsa. L-attriċi kellha l-jedd illi ssemma' leħenha fil-proċeduri kriminali kontra l-konvenuti Leonard u Busuttil u kellha rimedju tajjeb u biżżejjed biex tara li l-Qorti tal-Maġistrati jkollha t-tagħrif kollu meħtieġ

[4] Para. 13, *supra.*

[5] Para. 16, *supra.*

qabel ma tasal għal deċiżjoni dwar it-talba għall-korrezzjoni tad-data. Dan ir-rimedju iżda l-attriċi ma nqdietx bih għax naqasha l-avukat maħtur minnha. Ta' dan in-nuqqas iwieġeb *se mai* l-avukat u mhux l-istat.

22. Barra minn hekk, b'żjieda mad-drittijiet proċedurali li l-attriċi kellha fil-proċeduri kriminali, ma huwiex irrelevanti li jingħad illi hemm ukoll ir-rimedju li jagħtiha l-art. 3 tal-Kodiċi Kriminali:

> »**3.** (1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.
>
> »(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.
>
> »(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat.«

23. Ukoll jekk, b'nuqqas li ma huwiex tal-istat, ma ħaditx sodisfazzjon bl-azzjoni kriminali, ma hemm xejn li jżommha milli tfittex ir-rimedju ċivili.

24. Għal dawn ir-raġunijiet it-tieni aggravju wkoll huwa miċħud.

25. Il-qorti għalhekk tiċħad kemm l-appell ewlieni kif ukoll l-appell inċidentali u tikkonferma s-sentenzi appellati. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif deċiż mill-ewwel qorti; l-ispejjeż

tal-appell ewlieni tħallashom l-attriċi u dawk tal-appell inċidentali jħallashom il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb